

Domandi preliminari

Is-servizzi mogħtija minn mandatarju, li jaġixxi fisem mandant li jeżerċita negozju ta' għbir ta' mħatri fuq tlielaq taż-żwiemel u avvenimenti oħra sportivi, li jikkonsisti f'li dan il-mandatarju jaċċetta l-imħatri fisem mandant, jirreġistra l-imħatri, jikkonferma lill-klijent, permezz tal-ħruġ ta' biljett, li l-imħatri hija konkluża, jiġbor il-flus, iħallas ir-rebħ, jassumi waħdu r-responsabbiltà, fil-konfronti tal-mandant, għall-amministrazzjoni tal-flus miġbura kif ukoll tas-serq u/jew telf ta' flus u jirċievi ħlas fil-forma ta' kummissjoni min-naħa tal-mandant tiegħu bħala ħlas għal din l-attività, huma eżenti mill-VAT bis-saħħa ta' l-Artikolu 13 B(d)(3) tas-Sitt Direttiva ⁽¹⁾ li jeżenta t-tranżazzjonijiet, inkluż l-innegozzjar, li jikkonċernaw id-depożiti, (...), pagamenti (...)?

⁽¹⁾ Is-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uni-formi ta' stima.

Rikors imressaq fil-11 ta' Mejju 2007 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika Portugiża

(Kawża C-233/07)

(2007/C 170/21)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: S. Pardo Quintillán u P. Andrade, aġenti)

Konvenuta: Ir-Repubblika Portugiża

Talbiet tar-rikorrenti

— Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja joghħobha:

- tiddikjara li billi r-Repubblika Portugiża ma ssuġġettatx, matul l-istaġun ta' l-għawm, l-ilma urban mormi mill-agglomerazzjoni tal-kosta ta' Estoril, qabel ma jintrema fil-baħar, għall-inqas għal trattament primarju avvanzat u għal proċess ta' diżinfekzjoni, skond l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni 2001/720/KE ;
- billi ma ssuġġettatx, barra mill-istaġun ta' l-għawm, l-ilma urban mormi mill-agglomerazzjoni tal-kosta ta' Estoril, qabel ma jintrema, għall-inqas għal trattament primarju, skond l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 2001/720/KE;

— billi ppermettiet li l-iskariki ta' ilma urban mormi mill-agglomerazzjoni tal-kosta ta' Estoril ⁽¹⁾ jikkawża ħsara lill-ambjent;

hija naqset milli twettaq l-obbligi imposti fuqha skond l-Artikoli 2, 3 u 5 tad-Deċiżjoni 2001/720/KE.

— tordna lir-Repubblika Portugiża tbatl l-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Fl-1999 ir-Repubblika Portugiża talbet lill-Kummissjoni sabiex l-iskariki fl-oċean Atlantiku, fil-viċinanzi ta' l-estwarju tax-xmara Tago, ta' ilma urban mormi mill-agglomerazzjoni tal-kosta ta' Estoril ikunu suġġetti għal trattament inqas rigrouż.

Il-Kummissjoni vverifikat li r-rekwiżiti previsti fir-regola deroga-torja tad-Direttiva 91/271/KEE ⁽²⁾ kienu sodisfatti u, permezz tad-Deċiżjoni 2001/720/KE, laqgħet it-talba tal-Portugall.

Mir-risposti li tat l-amministrazzjoni Portugiża għall-ittra ta' inti-mazzjoni u għall-opinjoni motivata jirriżulta li r-Repubblika Portugiża naqset milli twettaq l-obbligi imposti fuqha skond l-artikoli msemmija iktar 'il fuq tad-Deċiżjoni 2001/720/KE.

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Ottubru 2001, li tagħti deroga lill-Portugall dwar it-trattament ta' ilma urban mormi ta' l-agglomerazzjoni tal-kosta ta' Estoril (ĠU L 269, p. 14).

⁽²⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE tal-21 ta' Mejju 1991 dwar it-trattament ta' l-ilma urban mormi (ĠU L 135, p. 40).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa minn Lietuvos Respublikos Konstitucinis Teismas fl-14 ta' Mejju 2007 — Julius Sabatauskas et vs Il-Parlament tar-Repubblika tal-Litwanja

(Kawża C-239/07)

(2007/C 170/22)

Lingwa tal-kawża: Il-Litwan

Qorti tar-rinviju

Lietuvos Respublikos Konstitucinis Teismas

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Grupp ta' Membri tal-Parlament tar-Repubblika tal-Litwanja, kompost minn Julius Sabatauskas et

Parti interessata: Il-Parlament tar-Repubblika tal-Litwanja